MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2008

Numru. 625/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Paul Andrews ta' 45 sena, mwieled il-Hamrun, nhar it-02 ta' Dicembru, 1962, bin Ronald u Mary nee` Bartolo, residenti fil-prezent gewwa Male Ward 3B, Sptar Monte Carmeli, Attard u detentur ta' karta ta' l-identita numru 735262(M).**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza kif migjuba fil-konfront ta' l-imputat u cioe talli nhar il-05 ta' Awissu, 2007 ghall-habta ta' 04.10 P.M. minn gewwa 'l-Muzew Psikjatriku', ta' l-Isptar Monte Carmeli sitwat gewwa H'Attard u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin;

1. ikkommettejt serq ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew terzi persuni ohra liema serq huwa kwalifikat, bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), u bil-mezz.

2. volontarjament, hassart jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobblimeta ghamilt hsara f'armatura liema hsara ma taccediex mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), imma izjed minn tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29).

Rat d-dokumenti esebiti;
Semghet il-provi;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzimigjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat, il-fedina penali tieghu u l-fatt illi l-oggetti misruqa gew ritornati, l-fatt illi l-imputat ikkollabora bis-shih mal-pulizija u qed jghati l-kura mehtiega gewwa l-Isptar Monte Carmelifejn jirresjedi u hallas seduta stante d-danni kawzati lil parte leza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c), 263, 267 u 325 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u

b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li huwa ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta’ liberazzjoni kundizzjonata.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien ma l-Atti tintbghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------